22 ta' Jannar, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Joseph M. Pace et.** *versus* **Francis Charles Ferguson ne.** (*)

**Rogatorji — Lista tax-Xhieda — Appell — Xhieda Ġodda — Provi — Art. 175, 179 u 233, no. 4, tal-Proċedura Ċivili.**

*L-obligu tal-parti li flimkien maċ-ċitazzjoni għandha tippreženta dikjarazzjoni bil-lista tax-xhieda, li ġie introdott bl-emendi li saru fl-1934 u 1935, huwa applikabili anki għal dawk il-persuni li jkunu assenti minn dawn il-Gżejjer; u għalhekk min ma jindikax dawk il-persuni fil-lista tax-xhieda ma jistax, bħala dritt, jitlob li jinstemgħu bħala xhieda bil-proċeduri tar-rogatorji; u dan apparti mill-fatt illi fit-tieni istanza ma jistgħux, bħala regola, jinstemgħu xhieda ġodda li ma kienux miġjuba fl-ewwel istanza.*

*Dana però ma jeskludix il-fakoltà tal-Qorti li tammetti l-prova per mezz ta' dawk ix-xhieda jekk tiġi dimostrata għas-soddisfazzjon tal-Qorti n-neċessità jew l-utilità li teżamina dawk ix-xhieda, salv li tieħu konsiderazzjoni ta' dan fil-kap ta' l-ispejjeż.*

*Fil-każ il-Qorti ċaħdet it-talba, bħala dritt, għar-rogatorji ta' xhud li ma kienx dikjarat; imma rriżervat li tammetti l-produzzjoni tiegħu aktar tard fil-każ illi mit-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża tirriżulta dik in-neċessità jew utilità.*

---

(*) **Deċiża** fil-meritu mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re b'sentenza tal-20 ta' April 1945 (publikata).

Il-Qorti — Rat it-talba tal-konvenut appellant għar-rogatorji biex jinstema' bħala xhud Arthur Edward Buckley, li kien Manager tal-Kumpannija konvenuta għal ċertu żmien hawn Malta;

*Omissis;*

Tikkkunsidra;

Illi skond l-art. 175 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attur maċ-ċitazzjoni għandu jippreżenta dikjarazzjoni, li fiha, fost affarijiet oħra, għandu jindika wkoll l-isem tax-xhieda li fil-ħsieb tiegħu għandu jġib fil-ġudizzju, bl-oġġett tagħhom, u l-istess dispożizzjoni ġiet miżjuda fl-art. 179 ta' l-istess liġi għal dak li jirrigwarda n-nota ta' l-eċċezzjonijiet. Bl-Ord. XXVIII ta' l-1935 ġie anki stabbilit illi "no witness may be produced whose name shall not have been given in the said declaration, unless the necessity of producing the witness arises at any time after the presentation of the said declaration, or unless the adverse party shall give its consent in the manner prescribed by sub-para. 3 of art. 169";

Tikkkunsidra;

Illi dik id-dispożizzjoni tikkomprendi neċessarjament u raġjonevolment anki dawk ix-xhieda illi jkunu assenti minn Malta jew Għawdex; għaliex ma hemm ebda raġuni biex wieħed jista' jikkonkludi illi, għaliex xhud qiegħed barra minn dawn il-Gżejjer, l-attur jew il-konvenut ma għandux jottempera ruħu ma' dik il-liġi, li kienet ġiet magħmula preċiżament biex il-parti avversarja u l-Qorti jkunu jistgħu jafu liema provi per mezz ta' xhieda l-parti sejra ġġib fil-ġudizzju;

Tikkkunsidra;

Illi l-appellant jappilja ruħu għall-verbal li hemm fil-proċess fol. 45; iżda dak il-verbal huwa anki kontra l-assunt ta' l-istess appellanti; infatti hemm miktub illi "mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut il-Qorti tissuġġerilu li jikteb lil Mr. Buckley biex jara hux tassew kien wegħedhom pensjoni; kemm il-darba Buckley jammetti li kien wegħedhom pensjoni, l-atturi jkollhom jagħmlu rogatorji". Dan juri illi l-Qorti riedet il-prova legali per mezz tar-rogatorji, li kellhom isiru minn għand l-atturi, fil-każ illi Buckley jirris-

pondi privatament lill-konvenut li huwa veru li kien wegħedhom. Għal każ invers il-Qorti ma ippronunzjatx ruħha bl-ebda mod; u għalhekk tibqa' r-regola illi dik il-prova kellha tkun offerta fid-dikjarazzjoni. L-appellant qal illi huwa kien ġieb affidavit ta' Buckley, iżda kellu jaċċerta ruħu illi dik il-prova, li kienet sempliċi affidavit, ġienet ġejja aċċettata mill-Qorti bħala prova legali;

Tikkkunsidra;

Illi l-appellant fid-dikjarazzjoni tiegħu ma għamel ebda aċċenn li huwa jixtieq iġib bħala xhud lil Arthur Buckley, u għalhekk dik id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija ma ġietx osservata, u għalhekk l-appellant ma għandux dritt jinsisti almenu da parti tiegħu bħala dritt, biex iġib din il-prova. Dan apparti minn konsiderazzjonijiet oħra ta' ostakoli li jinstemgħu xhieda f'din l-istanza li ma nstemgħux quddiem dik il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza skond l-art. 233 ta' l-istess Liġi;

Tikkkunsidra;

Illi l-atturi, però, imorru iżjed 'il bogħod minn dak li hemm fuq miġjub, u ssottomettew illi s-sezzjoni 4 ta' l-art. 233 fuq imsemmi għandu jkun subordinat għall-liġi ġenerali tad-dikjarazzjoni u tal-lista tax-xhiedu fid-dikjarazzjoni, peress illi dik hija emenda li saret fl-1935, u għalhekk, skond l-idea tagħhom, abrogat dik id-dispożizzjoni. Iżda dan mhux korrett; infatti dik l-emenda fl-art. 233 tas-sezzjoni 4 kienet saret preċiżament biex il-ġustizzja ma tiġix sakrifikata għar-ritwaliżmu; u għalkemm il-proċedura hija fondamentali għall-esplikazzjoni tajba u retta ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, iżda l-esperjenza kienet uriet illi xi drabi l-Qorti tara illi prova jew xhud kienu indispensabili għad-deċiżjoni tal-kawża, u tkun impeduta tammettiha preċiżament għax ikun hemm liġi tal-proċedura kontra tagħha, u għalhekk il-ġustizzja tiġi ssofri, u ssofri irrimedjabilment, meta huwa l-każ ta' kawża quddiem il-Qorti tat-Tieni Istanza, meta fil-maġġur parti talkażijiet is-sentenza tagħha jkunu inappellabili. U għalhekk kienet suġġerita u mbagħad adottata mill-leġislatur dik l-emenda, illi ċjoè l-Qorti tkun tista' tammetti l-prova jekk tkun dimostrata għas-soddisfazzjoni tal-Qorti n-neċessità jew l-uti-

lità li teżamina dak ix-xhud, salv li tieħu konsiderazzjoni ta' dan fil-kap ta' l-ispejjeż;

Tikkkunsidra;

Illi biex il-Qorti tista' tapprezza u tara jekk hemmx dik in-neċessità jew l-utilità għar-rogatorji ta' Arthur Buckley, hemm bżonn li l-kawża tkompli fit-trattazzjoni tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tirrespingi t-talba ta' l-appellant għar-rogatorji ta' Arthur Buckley bħala dritt tiegħu u indipendentement mill-art. 233, sezzjoni 4; bl-ispejjeż ta' dan l-inċident kontra l-appellant;

2. Tirriżerva fi stadju ulterjuri ta' dan l-appell illi tiddeċidi in forza ta' l-art. 233, sezzjoni 4, jekk hemmx in-neċessità jew utilità li tordna dawk ir-rogatorji, wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-kawża; l-ispejjeż fuq dan il-kap ikunu riżervati.